MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 1843/2000/2

**Carmen Taliana**

**vs**

**Mary Busuttil u George Busuttil**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attrici fil-11 ta' Settembru 2000, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-attrici bieghet u kkonsenjat diversi oggetti lill-konvenuti u dan fuq inkarigu tal-istess konvenuti;

Illi l-konvenuti ghad fadlilhom jhallsu s-somma ta' elf, mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm1242) liema ammont jirrappresenta bilanc minn ammont akbar;

Illi meta dawn gew debitament interpellati dawn baqu ma hallsux u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza,

Talbet li il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm1242) liema ammont jirrappresenta bilanc minn ammont akbar ghall-bejgh u konsenja tal-merkanzija li saret fuq inkarigu taghhom stess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Dicembru 1999, tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Awissu 2000 u tal-mandat ta' Qbid bin-numru u bl-imghax fuq l-istess ammont mid-data tal-konsenja sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma mill-lum ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li in forza taghha huma eccepew :

1. Illi preliminarjament, m'hemmx relazzjoni guridika mal-attrici;
2. Illi ghandha jigu kjamati fil-kawza is-socjeta' Kashmiri Palace Limited u dan ghall-integrita tal-gudizzju;
3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mhux dovut u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi, ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fattu fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ipprezentat affidavit taghha fejn xehdet illi l-konvenuta Mary Busuttil hija prima kugina taghha. Hija xehdet illi kienet fin-negozju u kienet tmur ta’ sikwit l-Italja biex tixtri il-hwejjeg kemm ghaliha personali, kif ukoll ghan-negozju taghha u qabel ma kienet issiefer, xi gurnata qabel, il-konvenuta Mary Busuttil kienet tigi taraha u kienet tghidilha “Carm jekk issib xi haga ghall-mizura tieghi gibhieli mieghek” u spjegat illi l-konvenuta kienet taghmel hekk peress illi l-hwejjeg li kienet iggib l-attrici ghall-klijenti taghha fil-hanut kienu gholjin fil-prezz ghall-konvenuta u ghalhekk l-attrici hafna drabi kienet tixtri hwejjeg minn barra ghall-konvenuta u kienet izommilha bl-istess prezz li kienet tixtrihom hi. L-attrici xehdet illi kienet iggib il-hwejjeg ghall-konvenuta fil-bagalja taghha stess u gieli wkoll xtrat hwejjeg lit-tifla tal-konvenuta li jisimha Veronica. L-attrici xehdet illi dan baqa jigri ghal madwar tmienja u ghoxrin sena u l-ammont dovut mill-konvenuta kien ilu jakkumula peress illi il-konvenuta dejjem kienet thallasha bin-nifs u mhux dejjem kienet taghtiha l-istess pagamenti. Kien hemm drabi fil-bidu li kienet thallasha hames liri Maltin (LM5) fix-xahar u il-konvenuta baqghet thallasha sa Ottubru 1999, kwazi sena wara illi l-attrici ma baqghetx bil-hanut. L-attrici qalet illi l-ammont illi ghandha taghtiha il-konvenuta huwa dovut lilha personalment ghaliex hija kienet tixtri l-hwejjeg ghall-kugintha minn flusha personali u dan kollu ma kellu x’jaqsmu xejn man-negozju taghha.

Illi xehdet ukoll certa Sina Mercieca Oliva, illi kienet impjegata mal-attrici ghal erba’ snin sal-ahhar ta’ Novembru 1998 u kienet tahdem bhala shop assistant fil-hanut tal-attrici. Sina xehdet illi taf li l-konvenuta Mary Busuttil li hija prima kugina tal-attrici u kienet tigi sikwiet ghand l-attrici meta din kienet tkun fil-hanut. Ix-xhud qalet illi kien hemm diversi drabi matul is-snin illi damet tahdem

mal-attrici illi l-konvenuta kienet tigi il-hanut u titlob lill-attrici biex iggibilha xi hwejjeg ghaliha, u dan meta l-attrici kienet tmur sabiex tixtri l-hwejjeg ghan-negozju taghha. Ix-xhud qalet illi taf illi l-konvenuta kienet taghmel dan peress illi kienet tilbes size 54 illi kienet mizura difficli. Hija xehdet illi dawn il-hwejjeg kienu jkunu fil-bagalji tal-attrici stess tant illi meta l-konvenuta ma kienitx tmur tigbor il-hwejjeg minghand l-attrici kienet tigi il-hanut u l-attrici kienet thallilha il-hwejjeg b'basket fil-hanut u dana peress illi l-attrici dejjem ittrattat lil Mary Busuttil bhala kugintha u mhux bhala klijenta normali.  Hija xehdet illi kien hemm drabi wkoll meta l-attrici xtrat hwejjeg ghat-tifla ta' Mary Busuttil li jisimha Veronica.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuta Mary Busuttil xehdet illi hija kienet tmur il-hanut tal-attrici u tixtri xi hwejjeg u cahdet illi xtrat hwejjeg mid-dar tal-attrici.  Il-konvenuta xehdet illi meta ma hallsitx il-bilanc kienet irceviet kont, izda kienet inghatat parir sabiex tibda thallas lill-kumpannija u mhux lill-attrici personalment.  Hija qalet illi kompliet thallas lill-kumpannija illi issa hija proprjeta ta' binha Ian Busuttil, u hallset lil din il-kumpannija is-somma ta' ftit aktar minn tlett mitt lira Maltin (LM300).  Il-konvenuta in kontro-ezami xehdet illi gieli marret id-dar tal-attrici u ordnat xi hwejjeg, u dan meta l-attrici kienet tkun ser issiefer u hija kienet titlobha biex iggibilha xi hwejjeg minn barra.  Hija qalet ukoll illi damet xi tmienja u ghoxrin sena tiehu l-hwejjeg minghand kugintha.  Il-konvenuta xehdet illi wara li binha kien xtara is-shares u beda jopera l-hanut tal-attrici hija kienet ghamlet xi pagamenti lill-attrici, izda waqfet taghmel dan fuq parir legali u riedet tiftah kont gdid mat-tifel taghha.

Illi xehed Frank Attard illi qal illi ilu jaf lill-konvenuta Mary Busuttil mis-sena 1996 meta iltaqa ma Carmen Taliana u dana peress illi Mary tigi l-kugina ta' Taliana.  Huwa xehed illi meta l-attrici kienet tmur l-Italja tixtri l-merkanzija kien jakkumpanjaha u dan kienu jaghmluh bejn tlieta u erbgha darbiet fis-sena.  Huwa xehed illi meta kienu jkunu ser isiefru, il-konvenuta Mary Busuttil kienet tigi d-dar tal-

attrici u kienet titlobha sabiex jekk tara xi hwejjeg li jghoddu ghaliha tixtrihomha u l-attrici dejjem accettat illi taghmel hekk. Huwa xehed illi l-konvenuta qatt ma tat flus lill-attrici fil-prezenza tieghu u illi l-attrici dejjem xtratilha l-hwejjeg minn flusha. Meta kienu jkunu gejjin lura lejn Malta l-attrici kienet tindikalu l-hwejjeg li kienet tkun xtrat ghall-kugintha il-konvenuta u dawn kienu jitpoggew il-bagalji personali taghhom u malli jaslu d-dar l-attrici kienet taqbad u twarrab il-hwejjeg illi kienet tkun xtrat ghall-konvenuta u tpoggihom go basket illi kienet tiehu maghha l-hanut. Huwa xehed illi l-konvenuta gieli giet id-dar u kienet thalli xi hlasijiet akkont ta' dak li tkun xtratilha l-attrici.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici esebiet a fol. 50 tal-process prospett tal-ahhar hlasijiet illi saru mill-konvenuta Mary Busuttil, kif ukoll il-bilanc dovut mill-istess konvenuta li jammonta ghas-somma ta' elf mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin (LM1242),

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuta Mary Busuttil esebiet affidavit bix-xiehda taghha fejn qalet illi tigi l-kugina tal-attrici u li dejjem kienet tixtri l-hwejjeg minghand Carmen's Boutique, Triq Manwel Dimech Tas-Sliema u peress illi kienet tixtri hafna hwejjeg minn hemm hekk u kellha wkoll relazzjoni ma sid il-hanut, kienet taqta dak li kien dovut minnha bin-nofs billi teffettwa l-pagamenti u kienet thallas pagament fix-xahar. Il-konvenuta cahdet kategorikament illi l-attrici kienet iggibilha l-hwejjeg personalment sabiex tiffrankalha u dana peress illi skond hi kienet tixtri l-hwejjeg bi prezzijiet tas-suq u mhux bl-irhis u kienet anke thallas lil Carmen's Boutique tal-alterations li kultant kien ikun hemm bzonn li jsiru. Hija xehdet illi ghall-habta tal-ahhar ta' Dicembru 1998, binha Ian Busuttil flimkien ma martu Jacqueline kien akkwista l-isthma kollha fil-kumpanija Kashmiri Palace Limited minghand l-attrici u skond dak li kienu qalulha dak iz-zmien u din il-kumpanija kellha l-unika funzjoni li tiggestixxi il-hanut Carmen's Boutique. F'dak l-istadju hija

xehdet illi ma kienitx taf illi kellha thallas dak li kien dovut lil Carmen's Boutique lill-kumpanija u mhux lill-attrici personalment ghaliex l-attrici qatt ma kienet qaltilha illi kellha taghmel hekk u ghalhekk kien hemm zmien illi baqghet teffettwa pagamenti lill-attrici u dan sas-26 ta' Ottubru 1999, izda dak iz-zmien irceviet ittra mill-konsulenta legali tas-socjeta' Kashmiri Palace Limited sabiex ma tibqax thallas lill-attrici personalment, izda thallas lill-kumpannija u ghalhekk hija bdiet taghmel hekk u esebiet id-dokumenti relattivi in sostenn ta' din ix-xiehda. Il-konvenuta esebiet ukoll id-dokumenti immarkati MB2 sa MB9 li skond hi huma l-pagamenti illi effettwat lill-kumpanija. Hija xehdet illi sussegwentement giet rinfaccjata b'mandati li hargitilha l-attrici u l-attrici wkoll fethet din il-kawza kontra taghha.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Veronica Busuttil, bint il-konvenuta u ikkonfermat illi l-attrici tigi l-kugina ta' ommha u illi ommha kienet tiehu xi hwejjeg mill-hanut tal-attrici meta dan kien gestit mill-istess attrici u kienet taghmel pagamenti rateali fil-hanut stess. Hija xehdet illi kienet akkumpanjat lil ommha meta xtrat xi whud minn dawn il-hwejjeg u taf illi sussegwentement il-hanut gie trasferit lil huha, izda ma kienitx taf tghid jekk ommha komplietx taghmel pagamenti lill-attrici wara li din ta' l-ahhar ma kompliet tiggestixxi il-hanut. Veronica Busuttil kompliet tixhed illi sa fejn taf hi ommha qatt ma ordnat lill-attrici biex tixtrilha minnn barra hwejjeg skond il-mizuri illi riedithom hi. B'referenza ghad-Dokumenti MB 1 hija ikkonfermat illi l-ahhar pagament ta' hamsin lira (LM50) kienet ghamlitu hi stess f'isem ommha fis-26 ta' Ottubru 1999.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Jacqueline Busuttil imsejjha mill-konvenuta u qalet illi l-konvenuta hija l-kunjata taghha. Hija xehdet illi hi flimkien ma zewgha kienu xtraw Carmen's Boutique minghand l-attrici fl-1998. Xehdet illi taf illi l-konvenuta kienet tixtri hwejjeg minghand Carmen's Boutique anke qabel ma hi u zewgha xtraw l-imsemmi hanut u illi gieli

kienet mal-konvenuta meta l-konvenuta marret tixtri xi hwejjeg minghand Carmen’s Boutique.  Ma kienitx taf kemm kienet thallas il-konvenuta ghal dawn il-hwejjeg, izda wara li hi u zewgha xtraw in-negozju minghand l-attrici kienet saret taf illi l-konvenuta kienet thallas pagamenti kull xahar ghall-hwejjeg li kienet xtrat minghand Carmen’s Boutique u illi l-konvenuta kompliet thallas lill-attrici ta’ xi pagamenti wara li hi u zewgha kienu xtraw il-hanut minghand l-attrici.  Ix-xhud qalet illi kienet taf ukoll illi il-konvenuta kienet qegghda thallas lill-attrici personalment u illi l-avukat taghha kien kiteb lill-konvenuta u infurmaha illi kellha tibda thallas lis-socjeta’ u mhux lill-attrici personalment.  Ix-xhud qalet illi illum il-gurnata l-konvenuta hallset il-bilanc kollu dovut u ma ghandha taghti xejn aktar lill-kumpanija.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ix-xiehda illi tat il-konvenuta Mary Busuttil fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 2347/2000 fl-4 ta’ April, 2006, fejn xehdet illi ghandha taghti l-flus lill-attrici ghaliex kienet xtrat il-hwejjeg mill-hanut ta’ l-attrici qabel ma binha xtara il-kumpannija illi tiggestixxi l-hanut.  HIja kienet xehdet ukoll illi ma kienitx infurmat lill-attrici li ma kenitx behsiebha tkompli thallasha u li kienet ser tibda thallas lill-kumpannija.

Ikkunsidrat :

Illi in kontro-ezami ix-xhud Sina Mercieca Oliva regghet ikkonfermat illi kien hemm diversi okkazjonijiet fejn l-attrici kienet iggib hwejjeg minn barra apposta ghall-konvenuta. Hi kienet tkun prezenti f’diversi okkazjonijiet meta l-attrici kienet tigi minn barra u tiftah il-bagalji quddiemha u kienet titfa l-hwejjeg  tal-konvenuta f’basktijiet tal-plastik ghalihom u tnizzilhomha l-hanut sabiex il-konvenuta sussegwentement tigi tigborhom minn hemm hekk. Apparti minn hekk, il-konvenuta gieli wkoll marret il-hanut u xtrat hwejjeg minn hemm hekk u ghalhekk il-konvenuta kellha zewg kontijiet, kont tal-hwejjeg li kienet tixtri mill-hanut u kont tal-hwejjeg li kienet iggibilha l-attrici minn barra ghaliha personalment.  Ix-xhud qalet illi l-attrici

kienet taghmel pjacir lill-konvenuta billi iggibilha hwejjeg minn barra ghaliha u dana peress illi l-konvenuta kellha size kbir. Ix-xhud qalet ukoll illi fil-hanut kienu anke igibu sizes akbar mis-size tal-konvenuta.

Illi l-attrici regghet xehdet in kontro-ezami u qalet illi hija kienet iggib hwejjeg ghall-konvenuta u kienet iggibhomha fil-bagalja taghha personali, ma kienitx izzommilha aktar minn dak li kienet tkun hallset ghalihom u dan kienet taghmlu ghal kugintha biss bi pjacir. L-attrici ikkonfermat illi l-konvenuta kellha zewg kontijiet, il-kont fuq il-hwejjeg li kienet iggibilha hi personalment fil-bagalja taghha u kont iehor ghall-hwejjeg li kienet tiehu mill-hanut. L-attrici xehdet illi damet tiggestixxi il-hanut sal-1999. Lill-konvenuta qatt ma hargitilha ircevuti fuq il-kumpanija ghaliex il-konvenuta qatt ma hallset cash, izda kienet thallas bin-nifs, ftit ftit.

Illi l-attrici xehdet illi meta kienet tixtri xi haga lill-konvenuta dan kienet taghmlu minn flusha personali u il-konvenuta kienet thallasha lura bin-nifs u hija qatt ma hargitilha ircevuta ghax ma kienitx tkun ghamlet qligh minn dawn il-hwejjeg li kienet iggibilha fil-bagalja taghha personali.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Frank Attard, is-sieheb tal-attrici, u qal illi meta kien isiefer mal-attrici sabiex l-attrici iggib il-hwejjeg ghall-hanut, l-attrici kienet ukoll iggib hwejjeg ghall-konvenuta u meta kienu jirritornaw Malta kienu ipoggu dawn il-hwejjeg f’basket sabiex il-konvenuta tigborhom mill-hanut. L-attrici kienet f’dawk l-okkazjonijiet tixtri wkoll l-istock tal-hanut. Ix-xhud qal illi qatt ma kellu x’jaqsam mal-accounts tal-hanut u kien semplicement iwassal lill-attrici il-hanut u jigborha wara li tkun lestiet mix-xoghol taghha hemm hekk. Ix-xhud kompla jghid illi l-konvenuta kienet tigi id-dar u kienet thalli pagamenti akkont ghall-attrici u kien ghad hemm omm l-attrici hajja id-dar. Darba minnhom kien ra xi flus fuq il-mejda u omm l-attrici kienet qaltlu illi kienet halliethom hemm hekk il-konvenuta ghall-attrici u kompla jghid illi wara li mietet omm l-attrici il-konvenuta ma gietx aktar id-dar bi flus ghall-attrici. Ix-xhud kompla

jghid illi qatt ma kien involut direttament f'konversazzjonijiet illi setghu saru fuq dawn il-hwejjeg bejn l-attrici u il-konvenuta, izda xehed illi kien jaf minn dak li kienet tghidlu l-attrici illi l-attrici kienet taghmel dan kollu ghall-konvenuta bi pjacir u qatt ma qalghet flus minn fuqha ta' dawn il-hwejjeg li kienet iggibilha.

Ikkunsidrat :

Illi filwaqt illi l-attrici tippretendi l-hlas ta' elf, mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm1242) minghand il-konvenuti, rapprezentanti bilanc ta' ammont ikbar ghal hwejjeg illi l-attrici gabet lill-konvenuta minn barra u li fuqhom hija ma ghamlet l-ebda qligh, il-konvenuta da parti taghha tikkontendi illi l-attrici qatt ma gabitilha hwejjeg minn barra ghaliha specifikatament, hija dejjem xtrat mill-hwejjeg mill-hanut u ghalhekk l-ammont qatt ma kien dovut lill-attrici, izda kien dovut lil hanut Carmen's Boutique; liema hanut kien jappartjeni lill-kumpanija Kashmiri Palace Limited; liema socjeta' sussegwentement inxtrat minn iben il-konvenuta u martu, u il-konvenuta tikkontendi illi ghalkemm ghamlet zmien thallas lill-attrici, sussegwentement, wara li intbaghatititlha ittra mill-avukati difensuri tas-socjeta' Kashmiri Palace, hija bdiet thallas lis-socjeta' u qatghet l-ammont kollu dovut minnha lil Carmen's Boutique.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici dejjem baqghet konsistenti fix-xiehda taghha fis-sens illi hija kienet tixtri hwejjeg lill-konvenuta bi pjacir u ghalhekk dejjem hallset ghal dawn il-hwejjeg bi flusha personali u mhux dawk tas-socjeta' Kashmiri Palace illi dak iz-zmien kienet tappartjeni lilha. L-attrici tikkontendi illi ghalhekk il-flus kienu dovuti lilha personalment u mhux lill-hanut jew lis-socjeta' li tiggestixxi il-hanut.

Illi l-konvenuta mill-banda l-ohra tikkontendi illi l-attrici kien ikollha l-istock fil-hanut u il-konvenuta kienet tmur tixtri mill-hanut u ghalhekk ir-relazzjoni taghha kien unikament ma Carmen's Boutique; liema hanut huwa gestit mis-socjeta' Kashmiri Palace Limited. Il-konvenuti jikkontendu

illi l-attrici holqot konfuzjoni billi gieli tidher f'isem il-kumpanija u gieli tinnegozja f'isimha proprju, u ta' din il-konfuzzjoni tahti unikament l-attrici u ghalhekk il-konvenuti ma ghandhom jaghtuha xejn.

Ikkunsidrat :

Illi kif diga intqal l-attrici dejjem baqghet konsistenti fil-verzjoni taghha izda dan ma jistax jinghad ghall-konvenuta.

Illi l-konvenuta fl-atti tal-Mandat Nru 2347/200 GCD li gew ipprezentati wkoll fl-atti ta' din il-kawza xehdet "Il-hwejjeg kont xtrajthom minghandha" u dan b'referenza ghall-attrici u qalet ukoll "jiena lilha ghandi naghtihom" b'referenza ghall-flus. Fil-proceduri ta' dak il-mandat il-konvenuta ikkonfermat illi gieli marret ghand l-attrici u ghand omm l-attrici sabiex thallas lill-attrici personalment u ikkonfermat ukoll illi baqghet thallas lill-attrici u illi meta irceviet ittra minghand l-attrici sabiex tkompli thallas hija qatt ma qaltilha xejn jew oggezzjonat. Il-konvenuta fil-proceduri tal-Mandat xehdet "Jiena ma ghidtilhiex li mhux ser nibqa inhallasha". Illi pero' quddiem din il-Qorti il-konvenuta xehdet : "Qed nigi mistoqsija jekk qattx l-attrici gabitli xi hwejjeg minn barra. Jien nghid li le. Kont nixtri mill-hanut taghha". Qalet ukoll "Jien qatt ma kien hemm okkazjoni fejn hadt xi hwejjeg go basket li kienet tlestili l-attrici minghajr ma jienx nippruvahom dawn il-hwejjeg".

Illi fl-affidavit taghha f'dawn il-proceduri il-konvenuta ma semmietx illi kien hemm drabi li marret fid-dar tal-attrici u halliet flus bhala hlas akkont tal-hwejjeg li kienet tixtrilha l-attrici.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-attrici tellghet tixhed lill-ex-impjegata taghha Sina Mercieca Oliva illi certament tista tinghad illi hi xhud independenti peress illi ma ghadhiex impjegata mal-attrici, u din ix-xhud ikkonfermat totalment ix-xiehda tal-attrici fis-sens illi l-attrici kienet tixtri hwejjeg ghall-konvenuta; liema hwejjeg ma kienux jigu mal-istock izda kienet iggibhom l-attrici fil-bagalja taghha mal-hwejjeg personali taghha u ix-xhud Sina Mercieca

Oliva qalet illi gieli rat lill-attrici twarrab dawn il-hwejjeg ghall-konvenuta mill-bagalji taghha personali, tqeghedhom go basket tal-plastik u tnizzilhom il-hanut sabiex il-konvenuta tigborhom mill-hanut tal-attrici.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi il-konvenuta baqghet thallas lill-attrici ghall-perjodu ta’ madwar sena minn meta l-attrici bieghet in-negozju lill-iben il-konvenuta u lill-martu, u dan ukoll jixhed illi l-konvenuta kienet taf illi l-flus kienu dovuti lill-attrici personalment u mhux lill-attrici fil-kapacita taghha bhala dirigenti tal-hanut u tas-socjeta’ kummercjali Kashmiri Palace Limited.

Illi l-Qorti rat id-dokumenti esebiti mill-konvenuta u cioe’ l-invoices mahruga mis-socjeta’ Kashmiri Palace Limited fis-sens illi l-konvenuta saldat il-bilanc dovut lill-istess socjeta’, u il-Qorti rat illi dawn l-ircevuti gew mahruga minn iben l-istess konvenuta, jew minn martu u ghalhekk il-Qorti mhijiex ser tikkonsidra dawn l-ircevuti ghall-fini ta’ prova illi l-konvenuta hallset l-ammont dovut minnha.

Illi inoltre, anke li kieku l-attrici verament hallset din is-somma lis-socjeta’ Kashmiri Palace Limited, din is-somma ma kienitx dovuta lill-imsemmija socjeta’, izda kienet dovuta lill-attrici, ghar-ragunijiet kollha imsemmija f’dan il-gudikat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni taghhom peress illi huma stess ma insistewx ghaliha, tilqa t-talbiet kollha attrici u b’hekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attrici is-somma ta’ elfejn tmien mija u tlieta u disghin euro u tmien centezmi (€2893.08), ekwivalenti ghal elf, mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm1242); Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------